# MINUTI

## Is-sitt Kunsill - SEDUTA Nru. 20

L-Erbgha, 24 ta' Gunju, 2009

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 31 Triq Nofsinhar,
fil-5.00 p.m.

Is-Sindku, Dr. Alexiei Dingli ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti s-Sindku, l-Vici Sindku u l-Kunsillieri Valerie Borg, Mario Camenzuli u Vince Farrugia.

Il-Kunsillier Azzopardi informa li kien xoghol.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

## MINUTI

Il-minuti tas-Seduta Nru. 18 u 19 li saru nhar il-Hamis, 21 ta' Mejju u nhar il-Hamis, 28 ta' Mejju, 2009 rispettivament, 2009 kienu konfermati.

## HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

***Resurfacing ta' Triq ir-Repubblika***

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien inbeda l-process ghall-permess ghal resurfacing fi Triq ir-Repubblika bejn Triq San Kristofru u Sant' Jiermu. Ghalkemm skond ir-regolamenti tal-MEPA, dan ix-xoghol jista' jinbeda fis-Sajf, irid isir koordinament max-xoghol li qed isir fil-Main Guard minhabba li l-ingenji kollha qeghdin jghaddu minn Triq ir-Repubblika.

## KORRISPONDENZA

Inqraw l-ittri l-aktar rilevanti.

- Il-Kunsill ircieva proposta mill-Valletta Alive Foundation sabiex jinholoq il-"Klub Valletta 1566", fejn qieghdha tintalab is-somma ta' €2000 mill-Kunsill sabiex ikopru l-ispejjez inizjali ta' din l-inizjattiva. Il-Kunsill qabel li jistieden lill-VAF ghal laqgha mal-Kunsill ghal aktar informazzjoni dwar din l-inizjattiva qabel ikompli jiddiskuti din il-materja.

- B'riferenza ghas-sejha ghal espressjoni ta' interess ghall-attendenza u tindif tal-latrini pubblici u li ghaliha l-Kunsill ma rcieva l-ebda interess, il-Kunsill ircieva proposta minn kumpanija ta' Periti li dawn lesti jidhlu fi ftehim mal-Kunsill sabiex bl-ghajnuna ta' zewg architect's assistants, isiru disinji inizjali ta' kif jistghu jidhru l-latrini pubblici. Dawn iz-zewg studenti ikunu qeghdin jahdmu mill-premises tal-Kunsill matul il-perjodu tas-Sajf u jinghataw *token* ta' €60 fil-gimgha. Ser isir ukoll ftehim dwar kif ser jigi mhaddem is-servizz wara li dawn jigu *refurbished*. Il-Kunsill unanimament qabel dwar dan.

- Il-Kunsill ircieva ittra ta' ringrazzjament mill-organizzaturi tal-Valletta Grand Prix ghall-koperazzjoni u ghajnuna li ntweriet waqt din l-attivita`.

- Il-Kunsill gie nfurmat mid-Diretturi tal-Kumpanija Transline li s-servizz li l-kumpanija taghmel fil-Belt gie trasferit unikament fuq wiehed mid-Diretturi u cioe` is-Sur Anthony Zammit. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU**

***Attivitajiet fil-Belt***
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienu ser jergghu isiru l-Arts Festival u l-Jazz Festival fil-Belt.

***Researchers Night***
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dan il-progett kien gie approvat mill-UE u ser issir attivita' speci ta' Notte Bianca izda bit-tema ta' xjenza u ricerka, fil-25 ta' Settembru.

**TMIEM**

Fis-6.00pm intemmet is-Seduta.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku